**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 151/2018**

**LQ u RQ ('l-ilmentaturi')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd.* (C26761)**

**('il-provditur tas-servizz'/'*Crystal*')**

**Seduta tal-11 ta' Novembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn, fost affarijiet ohra, l-ilmentaturi jghidu li garrbu telf minn zewg investimenti, specifikament *8.5% Scholz AG: 2012 – 8.3.17 u 8.875% Regd. Notes: PagesJaunes Finance and Co. SCA: 2011 – 1.6.18,* offruti lilhom minn *Crystal Finance Investments Limited.*

L-ilmentaturi sahqu li l-ilment taghhom hu dwar dawn iz-zewg *bonds* li marru hazin. Huma jhossu li l-*financial advisor* kien jabbuza minnhom ghax kien dejjem jaghmel li jrid hu u li jaqbel ghall-kumpanija u mhux dak li jaqbel lilhom.

L-ilmentaturi tennew li huma kienu dejjem ihallu f'idejn l-*advisor* ghax kienu jafdawh u, ghalhekk, jidhrilhom li kellu kull responsabbiltà li jinvestilhom flushom fis-sod u mhux fejn kien hemm *high risk,* xi haga li huma qalulu ukoll kemm-il darba. Huma sahqu li kienu ghamlu dikjarazzjoni bil-miktub li riedu jinvestu fi prodotti *Medium Risk.*

L-ilmentaturi stqarrew li fuq l-investiment fil-*PagesJaunes Finance,* l-*advisor* kien kellimhom u qalilhom li dan kien waqa' fil-prezz. Huma ma kinux accettaw il-parir tieghu izda, mbaghad, wara li rega' kellimhom li telghu ftit, accettaw.

Mill-banda l-ohra, fuq l-investiment fix-*Scholz*, l-*advisor* qatt ma qalilhom xejn. Huma insistew li dejjem kienu jghidu lill-*advisor* taghhom sabiex jinvestilhom *Medium Risk* filwaqt li tennew li barra dawn iz-zewg investimenti ilmentati, kien hemm investimenti li marru hazin izda ma kinux ser isemmuhom.

L-ilmentaturi indikaw li mill-investiment ta' €15,000 fil-*PagesJaunes Finance,* huma rcevew *full settlement* ta' €10,152.52 flimkien ma' erba' cekkijiet ta' imghax ta' €665.63-il wiehed, filwaqt li mill-investiment ta' €15,000 ohra fix-*Scholz,* ircevew biss €1,549.20 flimkien ma' cekk wiehed tal-imghax li kien jammonta ghal €1,275.

Ghaldaqstant, huma qed jitolbu li jigu mhallsa lura l-kapital li tilfu, liema telf jammonta ghal €13,451 mill-investiment fix-*Scholz*, flimkien ma' €4,848 mill-investiment fil-*PagesJaunes Finance.*

**Ra risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, il-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala ***'Dok CFI01'*** u ***'Dok CFI02'***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts*.'

2. Nirreferu ghall-fatti kif graw. Il-parir biex jinxtaw il-*bonds* imsemmijin fl-ilment mahrugin mill-kumpaniji *Scholz AG* u *PagesJaunes Finance and Co* **<u>inghata f'April 2014</u>**. Fis-sena 2016, il-kumpaniji imsemmijin ghaddew minn ristrutturar u l-Ilmentatur ircieva kull informazzjoni mahruga mill-kumpaniji. Ghal kull *buon fini* l-ilment jirrigwarda biss il-parir originali tal-2014. L-ilment ibbazat '<u>*dwar zewg bonds li marru hazin'*</u>, fatt illi s-Socjetà Esponenti ma setghetx tevita, ghalkemm l-Ilmentatur kien infurmat f'waqtu li ghandu jbiegh biex jevita t-telf.

   Konvenjentement, l-Ilmentatur mhux qed isemmi li kien hu li kien ried jinvesti go *bonds* diretti li jrendu imghax gholi u jgorru l-istess livelli ta' riskju. Fil-fatt, dawn huma tnejn minn hafna investimenti tal-istess tip.

3. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi illi l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(b) u Artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu l-ilment gie mressaq b'mod tardiv u ghaldaqstant preskritt u m'ghandux jigi ikkunsidrat mill-Arbitru.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjetà Esponenti tirriserva d-dritt li tidhol fil-mertu fil-proceduri liema mertu digà gie spjegat fl-ittra tal-istess Socjetà Esponenti lill-Ilmentatur fis-26 ta' Marzu 2018.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti esebiti**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

***Eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 17 tat-Terms of Business Agreement***

Il-provditur tas-servizz ta eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex skont it-*Terms of Business Agreement*, Artikolu 17 tal-istess, jipprovdi li kwalunke tilwima trid tigi referuta lill-Qrati Maltin u, ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jisma' l-kaz.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;
ii. Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

Dan gie kkonfermat u elaborat f'decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd.*** **deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti irriteniet illi:

*''L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju".*

Il-Qorti ziedet ukoll:

*"Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

- *i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*
- *ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi … Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ..."*

Il-Qorti ikkonkludiet:

*"Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghal rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih".*

Dan kollu gie ribadit f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika, fosthom, dik recenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.* tal-11 ta' Frar 2019.**

L-Arbitru jaghmel tieghu il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija u, ghar-ragunijiet moghtija, qed jichad din l-eccezzjoni.

Dwar l-eccezzjonijiet li l-Arbitru m'ghandux il-gurisdizzjoni li jisma' dan il-kaz ghaliex l-ilment tressaq b'mod tardiv *ai termini* tal-Artikoli 21(1)(b) u 21(2)(b) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru ta decizjoni preliminari fil-21 ta' Jannar 2019,[1] fejn iddecieda li jichad dawn l-eccezzjonijiet u jkompli jisma' l-kaz.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**

Ir-relazzjoni tal-ilmentaturi mal-provditur tas-servizz tmur lura ghas-sena 2011. Dak iz-zmien gie komplut *Confidential Client Fact Find for the Suitability Test*[2] fejn l-ilmentaturi gew ikklassifikati bhala *Retail,* filwaqt li s-servizz offrut lilhom kien dak ta' *Investment Advice.*

Dak iz-zmien, l-ghan taghhom dwar l-investiment kien li jzidu d-dhul filwaqt li l-attitudni ta' riskju giet ikklassifikata bhala *Medium.*

Sussegwentement, tul is-snin kien hemm diversi aggornamenti u revizjonijiet ta' dan l-istess *Client Fact Find.* Fil-fatt, dan gie aggornat f'Mejju 2013,[3] f'April 2014,[4] u f'Marzu 2015.[5] Jigi nnutat li fl-aggornament t'April 2014, li huwa l-*Fact Find* applikabbli meta gew mibjugha l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, l-attitudni ta' riskju tal-ilmentaturi giet mibdula ghal dik *Medium/High*.[6]

---

[1] *A Fol.* 117 *et seq*
[2] *A Fol.* 145
[3] *A Fol.* 151
[4] *A Fol.* 157
[5] *A Fol.* 163
[6] *A Fol.* 159

Tul ir-relazzjoni taghhom mal-provditur tas-servizz, l-ilmentaturi ghamlu diversi investimenti li jvarjaw minn *bond portfolios* ghal *bonds* diretti, b'dawn tal-ahhar ikunu fil-maggoranza.

Kemm mill-*Gain/Loss Analysis*[7] ipprezentata, kif ukoll minn dak li ntqal mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, hafna mill-investimenti li l-ilmentaturi kellhom gew mibjugha qabel id-data tal-maturità, hafna drabi fuq parir tal-istess rapprezentant a bazi ta' profitti li l-ilmentaturi kienu jkunu ser jaghmlu.

L-ammonti investiti fid-diversi tranzazzjonijiet li l-ilmentaturi ghamlu tul iz-zmien, kienu ammonti sostanzjali, fejn kien hemm partikolarment kazijiet fejn l-ilmentaturi anke investew is-somma ta' aktar minn €45,000 f'investiment wiehed. Fuq kollox, dan meta wiehed jikkunsidra l-fatt ukoll li l-investimenti li huma kellhom, partikolarment dawk f'*bonds* diretti, kienu jvarjaw minn investimenti b'rata ta' 4.75%, 6.5%, 8.5% u kienu anke jilhqu r-rata ta' 11.75%.

Mill-ilment hekk kif imressaq, jirrizulta bic-car li l-ilmentaturi qed iressqu l-ilment taghhom dwar zewg *bonds* li marru hazin, minhabba li huma jidhrilhom li l-*investment advisor* kien jabbuza minnhom u kien jaghmel dak li jrid hu u li jaqbel ghall-kumpanija u mhux li jaqbel lilhom. Izda, ta' min jinnota li, minkejja d-diversi tranzazzjonijiet li huma ghamlu tul iz-zmien, huwa proprju issa li qed jindikaw li kienu qalulu kemm-il darba li huma ma ridux investimenti li kienu *high risk*. Il-passat taghhom ma jurix din il-preokkupazzjoni.

**Kull kaz irid jittiehed skont il-fatti u c-cirkostanzi partikolari tieghu,** u f'dan il-kaz wiehed irid ihares ukoll lejn x'investimenti ohra kellhom qabel, galadarba jirrizulta li kellhom diversi prodotti riskjuzi sew qabel dawk li dwarhom qed isir l-ilment.

Skont l-i*Standard Licence Conditions*[8] li kienu japplikaw dak iz-zmien, meta provditur tas-servizz ikun qed jaghti parir finanzjarju, huwa obbligat li jikseb taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent u jkollu bazi ragjonevoli biex jemmen – wara li jiehu konoxxenza tan-natura u t-tip ta' servizz provdut – li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:

---

[7] *A Fol.* 239
[8] *ISR- Part B1: Standard Licence Conditions: Reg 2.16*

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u
- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

Jekk tinghata harsa lejn il-*Client Fact Find*[9] applikabbli fil-perjodu meta gew mibjugha l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, jidher car li l-objettiv tal-ilmentaturi kien li jzidu d-dhul taghhom. Huma kienu digà familjari sew ma' investimenti diretti u riskjuzi u, ghalhekk, ma jistghux jghidu li dawn il-prodotti ma kinux jilhqu l-objettivi taghhom ta' investiment.

L-objettiv tal-ilmentaturi jmur anke id f'id mat-tieni rekwizit li jirrigwardja l-fatt jekk l-ilmentaturi kinux finanzjarjament jifilhu ghar-riskji relatati mal-investiment. L-ammonti li huma kienu qed jinvestu tul iz-zmien kienu ammonti kbar, liema ammonti kienu anke mifruxin fuq diversi investimenti. Ghaldaqstant, dan huwa indikazzjoni cara li, b'xi mod jew iehor, huma kienu jaffordjaw li jaghmlu dawn l-investimenti - ghalhekk kienu finanzjarjament jifilhu ghar-riskji relatati mal-investimenti offruti lilhom.

Fir-rigward tar-rekwizit dwar l-gharfien u l-esperjenza, mil-lista shiha ta' investimenti li l-ilmentaturi ghamlu tul ir-relazzjoni taghhom mal-provditur tas-servizz, wiehed jista' facilment jasal ghall-konkluzjoni li l-ilmentaturi kellhom dak it-taghrif u l-esperjenza mehtiega biex jifhmu r-riskji tal-investimenti ilmentati.

Mal-provditur tas-servizz, l-ilmentaturi kellhom portafoll elaborat b'varjetà ta' *bonds* li, jekk tinghata attenzjoni biss lejn il-kupun ta' dawn l-istess *bonds*, fil-maggor parti tal-kazijiet, kienu kollha investimenti li joffru kupun gholi.

Fix-xhieda tieghu, l-ilmentatur qal li:

*"Nghid li kelli xi investimenti ohra mal-Crystal Finance fejn dawk kienu investuhomli high risk u tlift il-flus minnhom. Nghid li l-ohrajn ma kinux high risk ghax kienu bil-5%."*[10]

[9] *A Fol.* 157
[10] *A Fol.* 122

Kuntrarjament ghal dak li ntqal mill-ilmentatur, tista' tghid li kwazi l-investimenti kollha li l-ilmentaturi kellhom kienu joffru kupun li jeccedi l-5% u, ghalhekk, ma jistax jghid li ma kellux investimenti li ma kinux ***high risk***.

Fuq kollox, l-ilmentatur stess ikkonferma li meta sar l-investiment fil-*bonds* li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment:

"… *kien qalli li kienu bit-8%, però, jiena ma kontx nahseb li huma daqshekk high risk.*"[11]

Ghalhekk, ix-xhud ikkontradixxa lilu nnifsu meta l-ewwel jghid li kellu investimenti li ma jeccedux il-5%, imbaghad, hu stess jghid li meta kien ser jinvesti fil-prodotti ilmentati qalulu li kienu bit-8% u hu accetta.

L-ilmentaturi kienu konxji tat-tranzazzjonijiet li kienu qed isiru, partikolarment, ir-riskji li dawn igibu maghhom.

B'referenza ukoll ghall-gharfien u l-esperjenza fl-investimenti li l-ilmentaturi kellhom, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz xehed hekk:

"*Nikkonferma li l-klijenti dejjem kienu konxji tal-investiment li konna ninvestu fihom tant li LQ kien jitlobni intih in-numru tal-ISIN biex ikun jista' jsegwih minn fuq l-internet. Dan kien isir kull meta xtrajna xi investiment kemm jekk kien ikun bond kif ukoll fund*."[12]

Dan ma gie fl-ebda hin ikkontestat mill-ilmentaturi.

Din hija prova cara li l-ilmentatur kien konxju ta' x'investimenti kienu qed jigu offruti lilu u, fuq kollox, kien qed isegwi dawn l-istess investimenti u, ghalhekk, mhuwiex minnu li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien dejjem qed jaghmel dak li kien jaqbel lill-kumpanija ghax hu stess kien qed isegwi dak kollu li kien qed jigri.

Meta l-ilmentatur kien qed isegwi l-investimenti tieghu permezz tal-*ISIN* ipprovdut lilu, seta' jkollu l-informazzjoni kollha dwar dawn l-istess investimenti

[11] *Ibid.*
[12] *A Fol.* 124

u, għaldaqstant, ma jistax jgħid li "… *kien wara li falla l-investiment li rrealizzajt li dawn kienu high risk."*[13]

L-ilmentatur xehed ukoll li:

"*Qed nigi mistoqsi galadarba kelli diversi investimenti li anke jaqbzu t-8%, allura, ghalfejn qed nghid li dan kien riskjuz, nghid li ghalija la ma fallewx dawn ma kinux riskjuzi …*"[14]

Minn din ix-xhieda huwa evidenti li qed jigi mressaq dan l-ilment minhabba li l-investiment ma marx kif mixtieq u mhux ghax gie mibjugh investiment li ma kienx tajjeb ghac-cirkostanzi jew *suitable* ghall-ilmentaturi.

Is-*suitability assessment* li sar mill-provditur tas-servizz kien jissodisfa t-tliet kriterji rekwiziti meta inghata l-parir ta' investiment u, ghalhekk, ma sar xejn hazin min-naha tal-provditur tas-servizz meta dan biegh ix-*Scholz* u l-*PagesJaunes* lill-ilmentaturi.

Kif inghad, l-ilmentaturi kien ilhom jinvestu fi prodotti riskjuzi u kienu jafu fiex dehlin, l-aktar l-ilmentatur li kien isegwi sew l-investimenti.

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija f'din id-decizjoni, dan l-ilment qed jigi michud.**

**Peress li l-Arbitru cahad l-eccezzjonijiet preliminari tal-provditur tas-servizz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[13] *A Fol.* 123
[14] *Ibid.*